# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 21 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 20.**
**Citazz. Nru. 355/01 JRM**

**Pierre u Sonia-Marie AXIAK, ammessi ghall-Beneficcju tal-Ghajnuna Legali**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni imressaq fit-2 ta' Marzu, 2001, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-attur twieled nhar il-31 ta' Lulju 1974, fl-Isptar San Luqa, Pieta, minn Emanuel Axiak dak iz-zmien ta' erbgha u tletin sena (34) u Rita Axiak mart l-istess Emanuel Axiaq li dak iz-zmien kellha tletin sena (30);

Illi l-attrici twieldet nhar il-21 ta’ Awissu 1976, fl-Isptar San Luqa, Pieta, minn Emanuel Axiak dak iz- zmien ta’ sitta u tletin sena (36) u Rita Axiak mart l- istess Emanuel Axiaq li dak iz-zmien kellha wiehed u tletin sena (31);

Illi l-att tat-twelid tal-attur u l-att tat-twelid tal-attrici li ghandhom in-numri tal-iskrizzjoni 3781/1974 (Dok. A) u 3989/1976 (Dok. B) jikkontjenu zball fis-sens illi kunjom missierhom gie erroneament indikat bhala “Axiaq” mentri dan il-kunjom kellu jigi ndikat bhala “Axiak” u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u dak taz-zwieg ta’ missierhom (Dok. C u D);

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tordna lill-konvenut jikkorregi l-izball imsemmi fl-Att tat-Twelid tal-attur u fl-Att tat-Twelid tal-attrici bin-numri ta’ l-iskrizzjoni 3781/1974 u 3989/1976 rispettivament, fis-sens li fir-rigward ta’ kunjom missierhom jigi ndikat bhala “Axiak” minflok “Axiaq”;

Bl-ispejjez u bil-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi flimkien mal-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali mehmuz maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fis-27 ta’ Marzu, 2001, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 3781/1974 kif ukoll fl-att tat-twelid numru 3989/1976 mhuwhiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, b'mod partikolari d-dokumenti mehmuzin mal-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degrieti taghha tas-26 t'April, 2001, u tal-31 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi f'din il-kawza l-atturi, li huma ahwa, qeghdin jitolbu l-bidla ta' kif inhu miktub kunjomhom fl-Att tat-Twelid taghhom it-tnejn, billi ma jaqbilx ma' kif inhu miktub kunjom missierhom f'Atti ohrajn ta' Stat Civili tieghu;

Illi l-atturi ma ressqux provi b'zieda ma' dawk li hemm mehmuzin mal-inkartament ghall-Ghajnuna Legali: waqt is-smigh tal-kawza fis-26 t'April, 2001, l-avukat taghhom iddikjara li kien se' joqghod fuq x'juru dawk id-dokumenti;

Illi tressqu zewg (2) Att ta' Stat Civili li jolqtu mill-qrib u direttament lil missier l-atturi: dawn huma l-Att tat-Twelid tieghu (Nru. 2322/40) [Dok. "C" f'pagna 9 tal-process] u l-Att taz-Zwieg tieghu (Nru. 1482/71) [Dok. "D" f'pagna 10]. Fit-tnejn li huma,

kull darba li jissemma l-kunjom ta' missier l-atturi (u kif ukoll ta' antenati taghhom), dan jidher imnizzel fil-ghamla "Axiak". Dan japplika wkoll fil-parti tal-imsemmija atti fejn hemm il-firma ta' min ikun qieghed jaghmel id-dikjarazzjoni. Il-Qorti zzid tqis ukoll li l-kopja tal-Att tat-Twelid tal-missier ilha tigri fl-idejn sa minn Novembru, 1965, jigifieri sa minn qabel twieldu l-atturi nfushom;

Illi, mbaghad, fl-Att tat-Twelid tal-attrici (Nru. 3989/76) [Dok. "B" f'pagna 8], filwaqt li kunjom missierha u nannuha huma mnizzlin fil-ghamla "Axiaq", il-firma tal-missier li ghamel id-dikjarazzjoni hija murija bhala "Axiak", u dan b'sostenn ta' kif missier l-atturi nnifsu jindika l-mod kif jinkiteb kunjomu;

Illi ma jistax jinghad l-istess dwar l-Att tat-Twelid tal-attur, billi kull darba li jisemma l-kunjom (ukoll fil-parti fejn hemm id-dikjarazzjoni tal-missier) dan huwa muri bhala "Axiaq". Imma ta' min jghid li, billi l-attur hu qrib sentejn ikbar minn ohtu l-attrici, dak li nghad dwar l-Att tat-Twelid tal-attrici "jerga' jaghti hajja" lin-nisga shiha u konsistenti ta' kif kunjom il-familja tal-atturi hu muri quddiem kulhadd, billi l-Att tat-Twelid taghha sar kwazi sentejn wara dak ta' huha l-attur;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn [ara sentenza tal-**31 t'Ottubru, 1930**, fil-kawza fl-ismijiet

*McLean gia Abdillah vs Cremona nomine* (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305**];

Illi, ghalhekk, talba ghal bdil fil-kunjom ghandha izjed tirnexxi meta jkun jidher car mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' zball;

Illi, dejjem b'riferenza ghal dak li jolqot l-interessi ta' terzi f'talba ghal bidliet jew tiswijiet fl-Att ta' Stat Civili, wiehed irid iqis kemm tali talba tolqot dawn l-interessi. Ghaliex jekk kemm-il darba t-talba ma taghmel l-ebda hsara ghal tali interessi, allura m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-individwu jigi akkomodat fit-talbiet tieghu [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**2 ta' Marzu, 1994**, fil-kawza fl-ismijiet *John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku*;

Illi, minbarra dan, fis-sentenza appena msemmija, nghad ukoll b'approvazzjoni tas-sottomissjonijiet maghmulin mill-imharrek f'dik il-kawza (li huwa istess imharrek f'din il-kawza) li t-talba ta' attur ghat-tiswija ta' kunjom fl-Att tat- Twelid tieghu trid bilfors tintrabat mal-qaghda ta' kunjom il-missier, ghaliex huwa l-kunjom tal-missier u mhux tat-tarbija li jitnizzel fl-Att tat-Twelid ta' dak li jkun;

Illi c-cirkostanza partikolari ta' dan il-kaz hija marbuta sfiq ukoll ma' grajja storika-lingwistika fl-uzu tal-ismijiet u l-kitba tal-ilsien Malti: ghal zmien twil, l-influwenza tal-kwestjoni ta' ilsien Malti u l-influwenzi kolonjali gabu maghhom taqliba shiha fit-toponomija u l-mod kif ismijiet mislutin minnha jintwerew f'atti u dokumenti ufficjali, skond ix-xejra ta' min ikun isaltan f'dak iz-zmien. Il-kelma "Axiak" hija wahda minnhom;

Illi, skond l-artikolu 627 (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta, certifikati mahrugin mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku huma prova ammissibbli bla htiega li tingieb prova ohra dwar l-awtenticita' taghhom. F'dan il-kaz, id-dokumenti li juru l-Att tat-Twelid ta' missier l-atturi u wkoll dak

taz-Zwieg tal-genituri taghhom ma ghandhom ihallu l-ebda dubju dwar kemm hija misthoqqa t-talba taghhom;

Illi, mill-provi mressqa, ma rrisultax jekk l-izball fit-traskrizzjoni ta' kunjom l-atturi fl-Atti tat-Twelid mertu tal-kaz kienx zball tal-konvenut. Min-naha l-ohra, billi kien missier l-atturi nnifsu li wettaq ir-registrazzjoni, kien fid-dmir li jara li t-taghrif imnizzel fic-Certifikat tat-Twelid ta' wliedu jkun sewwa;

Illi, ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward ma jistax jinghad b'certezza li l-konvenut jahti ghall-izball li sar;

Illi, min-naha tieghu, l-konvenut ma ressaqx opposizzjoni ghat-talba, izda biss li dak li qieghed jigi mixli ma jahtix ghalih hu;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti ghadha kemm ghamlet, hija tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' t-talba tal-attur**, u tordna li fl-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru 3781/74 taht l-intestatura "*Taghrif dwar missier it-tarbija – Isem u Kunjom*" u kif ukoll taht l-intestatura "*Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet*" il-kelma "Axiaq" tigi mibdula bil-kelma "Axiak";

**Tilqa' t-talba tal-attrici**, u tordna li fl-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru 3989/76 taht l-intestatura "*Taghrif dwar missier it-tarbija – Isem u Kunjom*" u kif ukoll taht l-intestatura "*Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet*" il-kelma "Axiaq" tigi mibdula bil-kelma "Axiak";

Tordna wkoll, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tibdil ordnat bis-sahha ta' din is-sentenza fl-imsemmija Atti tat-Twelid tal-atturi; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghal-izballji indikati tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi kif imfisser fl-artikolu 920 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Gunju, 2001.**